MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Appell Kriminali Numru. 75/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Giuseppe Abela**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Giuseppe Abela, karta ta' l-identita` numru 568962(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk if żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Jannar 2013 sa Lulju 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil martu Rita Abela u/jew lil ibnu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-17 ta' Frar 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess Giuseppe Abela ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' erba' (4) xhur prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Giuseppe Abela ppreżentat fis-27 ta' Frar 2014 fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn huwa nstab ħati ta' l-unika imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena; sussidjarjament tvarja l-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-fattispeci tal-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat illi llum stess ġie effetwat il-ħlas opportun; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "Fl-ewwel lok l-appellant jirrileva illi l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha, u dan peress meta naqset li tikkonsidra fatt importanti u cioe` illi ghalkemm huwa minnu li l-appellant ma ħallasx il-manteniment dovut minnu versu martu (li taħdem u anke għandha *partner*) huwa dejjem ħallas u għadu qed iħallas il-kontijiet kollha tad-dawl u ilma u spejjeż oħra, dovuti minn martu, u bintu. Illi dawn il-ħlasijiet baqgħu isiru minn l-appellant, u dan minkejja l-fatt illi bintu ma għadhiex minuri, u dan nonostante l-fatt ukoll illi huwa lanqas biss jirrisjedi magħhom fl-istess residenza. L-appellant dejjem kien għalhekk responsabbli u ċertament ma għandux jeħel priġunerija, meta huwa xorta kkontribwixxa finanzjarjament għal martu, u qed jerfa' flimkien magħha l-piż finanzjarju li ġġib magħha l-ħajja. Allavolja l-manteniment ma tħallasx, l-appellant ħallas kontijiet oħra, u b'hekk ma kellu qatt jinstab ħati u kkundannat terminu ta' priġunerija.
>
> "Inoltre, mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar u ampju li l-appellant, anke fix-xiehda tiegħu, wera rieda li jħallas il-manteniment dovut. Tant hu hekk li l-appellant bil-ġurament tiegħu ddikjara li kien lest li jħallas il-manteniment dovut imma l-Qorti donna skartat dan il-fatt u ma kkonċeditlux imqar terminu qasir biex dan il-ħlas dovut minnu jsir."

**6.** Stante li sar il-ħlas ta' l-ammont dovut għax-xhur ta' Jannar 2013 sa Lulju 2013, bl-aħħar bilanċ jitħallas proprju llum, m'hemmx lok li jiġu kkunsidrati l-aggravji ta' l-appellant.

**7.** Issa, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Iżda, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

> **“l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament.”**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu għall-ħtija iżda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal erba’ xhur priġunerija u minflok, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sitt xhur millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista’ jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------